MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2007

Numru. 576/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**FRANCIS GAMBIN**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Francis Gambin ta' 57 sena, bin Joseph u Maria Stella nee' Caruana, imwieled Birkirkara nhar l-4 ta' Mejju, 1950, residenti fil-fond Dolphin A, Flat 5, Triq il-Pagell, Bugibba, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 431050M'

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

1. Talli f'dawn il-Gzejjer, f'Jannar 2007 u fis-snin ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti li bihom dawn ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi, jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe' certifikati tal-VRT foloz;

2. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn minhabba l-kariga jew l-impjieg taghhom, kienu fid-dmir li jaghmlu jew jaghtu dikjarazzjoni jew certifikat, u ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, u cioe' certifikati tal-VRT foloz;

3. U aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risolulzzjoni wahda, b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn ghamlu falsifikazzjoni fi skrittura privata li setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli, u cioe' certifikati tal-VRT foloz;

4. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita'

pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz, u cioe' certifikat tal-VRT;

5. U aktar talli b'hekk sar recidiv ai termini tal-Artikolu 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 7 ta' Frar, 2005, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

6. U kif ukoll talli b'hekk kiser il-providiment tal-Artikolu 7 u 22 tal-Kapitolu 446 meta kkommetta reat iehor wara li nghata zewg sentenzi fejn gie liberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlitt (3) snin, liema sentenzi gew moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar id-19 ta' April 2004, u 7 ta' Frar 2005 rispettivament.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ma rrizultax li l-imputat kien involut b'mod dirett fir-reat in ezami. Il-Prosekuzzjoni, fil-fehma tal-Qorti, waslet sal-grad tal-possibilita' li l-imputat seta' kien involut fil-falsifikazzjoni tal-ezami tal-VRT, izda ma pproduciet l-ebda prova li turi xi ness bejn il-kommissjoni tar-reat u l-imputat. Hija biss fuq bazi ta' assunzjonijiet li l-imputat jista' jkun kien involut f'din il-kwistjoni kollha, izda fil-kamp penali bl-ebda mod ma jistghu isiru assunzjonijiet izjed u izjed biex tinstab htija o meno f'persuna.
Din il-Qorti trid toqghod biss fuq il-fatti kif irrizultaw mill-produzzjoni tax-xhieda, u minn ezami tal-istess provi din il-Qorti ma sabet xejn li jorbot l-imputazzjonijiet indikati mal-imputat.

Ghal dawn il-motivi:

Wara li rat l-Artikoli 18, 42(d), 183, 185(2), 187(1), u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ma ssibx lill-imputat hati, u ghaldaqstant tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------